MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 736/2010

**Valentino Brothers (P 78)**
**Vs**
**Paul Fenech (ID 459165M) u**
**P & D Properties Ltd., (C 41321)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fit-22 ta’ Lulju, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi permezz ta’ skrittura datata sitta (6) ta’ Frar elfejn u ghaxra (2010) Dok PV, l-intimati flimkien u solidalment bejniethom kienu ikkostitwew ruhhom debitrici certi, likwidi u dovuti a favor is-socjeta’ esponenti ghas-somma ta’ tmienja u erbghin elf mitejn u erbgha u tmenin Euro (€48,284) rappresentanti injam u oggetti ohra varji mibjugh u kkonsenjat lill-intimati qabel id-data ta’ l-iskrittura;

Illi s-socjeta' intimata tinsab moruza fl-iskeda tal-pagamenti kif miftiehem fl-iskrittura msemmija peress illi sal-lum ma sar l-ebda hlas kif kien patwit;

Illi nonostante interpellati s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

Talbet li l-intimati jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet fuq premessi :

1) Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tmienja u erbghin elf mitejn u erbgha u tmenin Euro (€48,284) bl-imghax dekorribbli mis-sitta (6) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) sal-gurnata tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-mandat ta' sekwestru 1176/10 u tal-mandat ta' inibizzjoni 1178/10 kontra l-intimati flimkien u solidament bejniethom minn issa ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi waqt is-seduta tal-20 ta' Ottubru 2010 il-konvenuti irregistraw ammissjoni ghat-talbiet kollha attrici kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna Iill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u erbghin elf mitejn u erbgha u tmenin Euro (€48,284) bl-imghax dekorribbli mis-sitta (6) ta' Frar elfejn u ghaxra (2010) sal-gurnata tal-pagament effettiv; Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------